Minuti tal-Laqgħa Nru. 54 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 28 ta' Settembru 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Skużat | Dr. Frank Psaila |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kumitat Amministrattiv
5. Attivita Kulturali
6. Xogħolijiet ta' Toroq
7. Konferenza Ottubru 2011
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri staqsa kif se tkun qed taħdem is-sistema tal-wardens minn issa l-quddiem.

2.2 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill se jkun qed jirċievi persentaġġ fuq spejjeż Amministrattivi sal-aħħar ta' Diċembru. L-ispejjeż tal-Gwardjani ser jagħmel tajjeb ir-Reġjun.

2.3 Il-Kunsillier Camilleri staqsa wkoll jekk ikun hemm xi ksur ta regolamenti dawn jistgħux jiġu xorta waħda irraportati lil Gwardjani Lokali. Is-Sindku wieġeb li l-Gwardjani Lokali xorta waħda se jibqgħu jżomm lir-rwol li kellhom, biss l-Amministrazzjoni tagħhom se taqa taħt ir-Reġjun u mhux aktar taħt il-Kumitat Konġunt.

2.4 Il-Kunsillier Caruana staqsa fuq l-isticker tal-vann. Is-Segretarju ippreżenta kwotazzjoni fuq l-isticker u wrieha lil membri tal-Kunsill biex dawn jagħtu l-opinjoni tagħhom. Huma qablu mad disinn propost u għalhekk ġiet approvata biex issir.

2.5 Il-Kunsillier Caruana staqsa fuq il-kontijiet tal-kuntrattur tal-bankini kif inhuma mqassmin. Is-Segretarju wieġeb li dawn huma itemised. Il-Kunsillier Caruana ma qabilx ma dawn il-kontijiet għax huwa ħass li hemm ċerta items li huma għoljin ħafna. Min naħa l-oħra s-Sindku wieġeb li l-Kunsill jimxi fuq ir-rati tat-tender li jiġu ċċertifikati mill-Perit tal-Kunsill.

2.6 Is-Segretarju ppreżenta email mingħand il-Pertita tal-Kunsill fejn kienet qed tikkompara xi rati fuq ċerta items ma dawk ta suppliers oħra. L-email kienet tgħid li r-rati tal-kuntrattur li ħadem ix-xogħol kienu inqas minn dawk ta suppliers oħra.

2.7 Il-Kunsillier Piscopo oġġezzjona fuq il-wording peress li dan ma kienx jiftiehem sewwa. Huwa staqsa kif jista jkun dawn ikunu galvanized steel kaptelli. Is-Segretarju u s-Sindku spejgaw li t-trays li kienu galvanized. Huwa kompla jinsisti li dan ma jiftiehimx u li l-perita m għandiex tgħaddi ż-żmien bl-intelliġenza tal-Kunsilliera.

2.8 Is-Sindku stieden lil dawk il-Kunsilliera li kellhom xi diffikulta fuq il-kont biex jikkuntattjaw il-perita huma stess u jiċċaraw id-diffikultajiet tagħhom magħha.

2.9 Rigward paragrafu 3.3 tal-minuti tal-laqgħa ta' qabel is-Sindku wieġeb li se jsiru road humps

## 3 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li se jibda l-Mużew dalwaqt u jeħtieġ li jkun hemm l-assisteza tal-Pulizija waqt li jkun hemm l-ħruġ u d-dħul għal Mużew. Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li għandu jinġieb warden. Is-Sindku wieġeb li diġa tkellem ma l-Ispettur li għandu jipprovdi Pulizija.

3.2 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk bħala Kunsill hux se nibqgħu nieħdu parti mill-ammont li kien jinġabar miċ-ċitazzjonijiet. Is-Sindku wieġeb li bir-riforma li għamel il-Gvern b' effett mill-1 ta' Settembru din ir-responsabilta waqat taħt ir-Reġjun ta Nofsinhar.

3.3 Il-Kunsillier Caruana biex Triq Sant' Andrija issir one way, minħabba l-problema tat-traffiku li hemm bħalissa. Kien hemm bosta suġġerimenti oħra. Il-Kunsillier Caruana saqsa wkoll jekk jistgħux issiru signs li jindikaw li m' għandhomx jgħaddu taxis. Is-Sindku wieġeb li din il-proposta ma tistax tiġi kkunsidrata għax tmur kontra l-liġi.

3.4 Il-Kunsillier Piscopo issuġġerrixxa biex Triq il-Ġdida tibqa kif inhi u Triq id-9 t' April issir one way bil-kontra ta kif inhi bħalissa.

3.5 Is-Sindku ssuġġerrixxa biex l-aħjar l-ewwel nistennew li jasal rapport li kellu jsir fuq it-traffic flows ta Ħal Luqa u wara nimxu min hemm.

3.6 Is-Sindku semma wkoll li kienet tressqet petizzjoni biex issir laqgħa ta konsultazzjoni fuq it-trasport pubbliku mal-Kunsill. Is-Sindku semma li meta waslet din il-petizzjoni kien tard wisq peress li l-Kunsill kien diġa laħaq għadda s-suġġerimenti lis-Sur. Delia tal-Ministeru. Huwa semma wkoll li kien hemm risposta li t-tibdil suġġerit kien se jiġi implementat meta se jsiru l-ewwel tibdiliet. Is-Sindku semma wkoll li r-rotta diretta lejn l-Isptar se terġa tibda topera. Is-Sindku kkonkluda billi qal li kemm il-darba dawn it-tibdiliet ma jsirux jkun lest li jagħmel laqgħa ta konsultazzjoni.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma li kien avviċinat mis-Sur. John Zahra li saqsih jekk fi Triq Dun Pawl jistax isir parkeġġ għal mutur. Is-Sindku wieġeb li fuq din it-talba se nkunu qed naraw.

3.8 Victor semma li fi Triq Dun Pawl hemm bozza maqtugħuha li għadha ma ssewwietx. Is-Sindku wieġeb li saru diversi rapporti minn naħa tal-Kunsill lil Enemalta u sal-lum għadhom m' għamlu xejn. Huwa qal lis-Segretarju biex jibgħatilhom reminder.

3.9 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li minflok crash barrier isir xorta fil-kantuniera ta Triq Tumas Galea jkun ahjar jekk isiru bollards minħabba li qed jitilgħu karozzi fuq il-bankina wkoll. Il-Kunsillier Piscopo semma wkoll li fl-istess Triq hemm bżonn issir sign ta no u turn.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jsiru pjanti fejn hemm il-lattrina u biex jitnaddaf fejn hemm iċ-ċimiterji.

3.11 Il-Kunsillier Caruana ippropona wkoll biex titranġa l-istatwa tal-Kunċizzjoni fejn hemm il-Knisja. Rigward it-tiswijiet tal-istatwa s-Sindku qal illi dawn għandhom isiru min naħa tal-Awtorijiet Ekkleżjastiċi tal-Lokal u mhux mill-Kunsill.

## 4 KUMITAT AMMINISTRATTIV

4.1 Is-Sindku semma li fi Triq il-Vitorja diġa saru t-tibdil tas-servizzi tal-ilma. Huwa semma li x-xogħol se jitkompla fil-jiem li ġejjin.

4.2 Is-Segretarju semma li kien hemm tender wieħed li ntefa fuq il-proġett tar-rampa. Huwa semma li mat-tender kien hemm id-dokumenti kollha neċessarji u ma kienx hemm offerti oħra. Min naħa l-oħra is-Sindku ser jitlob ir-rapport tal-Perit. Il-membri tal-Kunsill preżenti approvaw dan it-tender unanimament.

## 5.0 ATTIVITA KULTURALI

5.1 Is-Sindku semma li l-attivita kulturali li kienet ippjanata ġiet posposta għal 15 t' Ottubru. Huwa semma wkoll li kollox baqa kif kien ippjanat.

5.2 Is-Sindku semma wkoll li għandha issir laqgħa fuq l-attivita nhar il-Ħamis tal-ġimgħa d-dieħla fil-5.30 p.m. u stieden lil dawk il-Kunsilliera interessati biex jattendu.

## 6.0 XOGĦOLIJIET TA' TOROQ

6.1 Is-Sindku semma li rigward it-toroq kollox huwa imħejji biex jinbeda x-xogħol. Min naħa tal-MEPA diġa ngħataw il-livelli fi Triq Wied il-Knejjes u Triq Anton Falzon. Huwa semma li kienet saret laqgħa mad-Direttur tat-TM is-Sur. Daniel Cordina fejn min naħa tiegħu tkellem mal-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jibda x-xogħol tat-tħammil u jsiru l-water culverts. L-ispejjeż involuti ser isiru minn naħa tat-TM.

## 7.0 KONFERENZA OTTUBRU 2011

7.1 Is-Sindku semma li se ssir konferenza fl-20 t' Ottubru 2011 bħala parti mill-proġett li qed issir ma' Fiumicino. Se jsiru wkoll viżiti f' Ħaġar Qim u wara konferenza fuq il-workshop. Huwa ta d-dettalji ta dan il-proġett.

7.2 Is-Sindku stieden lil Kunsilliera kollha biex jattendu għal din il-konferenza.

Il-laqgħa giet fi tmiemha L-Erbgħa 28 ta' Settembru 2011, fis-6.50 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa ta' Ottubru.

Konfermati llum ______________________ 2011.

______________________ ______________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv